MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2011

Numru. 2/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Neville Rizzo, 32 sena, iben Francis u Rose nee' Borg, imwieled Attard, nhar l-1 ta' Janar, 1979, residenti fil-fond numru**
**Rose, Flat 1, Triq Robert Farrugia Randon, Birkirkara u detentur**
**tal-karta tal-identita' bin-numru 37979(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Neville Rizzo li gie akkuzat talli **nhar it-23 ta' Novembru, 2010, gewwa Triq Jean De La Valette, Xewkija (Ghawdex), ghal**

**habta tas-siegha u ghoxrin ta' wara nofsinhar (1320hrs);**

**a) Seraq radio tal-marka Kenwood, valur ta mija u hasmin Ewro (€150), minn gol-vettura bin-numru tar-registrazzjoni *FAB549*, ghad-detriment ta Salvino Gatt u Anabel Gatt, liema serq hu aggravat bil-mezz u natura ta' oggett misruq;**
**b) Talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli li jammonta ghal mitejn u hamsa u tmenin ewro (€285.00), ghad detriment ta' Salvino Gatt u Anabel Gatt;**

**U fl-ahhar il-Qorti giet mitluba lli f'kaz ta htija l-imsemmi *Neville Rizzo* jhallas lill-partijiet offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reati;**
Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Jannar 2011;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-Pulizija u rritorna r-res furtiva, oltre li ddikjara li lest li jhallas d-danni minnu ikkagonati;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b)(g), 263(a), 271(g), 278(2), 325(b) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-kunsidrazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza;

Inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-imputat ihallas lill-parti leza Salvino u Anabel Gatt is-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin ewro (€285) fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------